**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 872/2021 LC

**AGOSTINA SIVE INA CINI (K.I. 809249M)**
**GEMMA BROWNRIGG (K.I. 318542M)**
**CARMELO SIVE CHARLES GRIMA (K.I. 117338M)**
**ANGELO GRIMA (K.I.135264M)**
**ALESSANDRA SPITERI (K.I. 331162M)**
**ANGELA SIVE GILLIAN GAUCI BORDA (K.I. 469153M)**
**CARMELINA BORG (K.I. 73537M)**
**MARY ANNE SIVE MIRIAM VELLA (K.I.846547M)**
**CLAUDE GRIMA (K.I. 209574M)**
**ANJELICA ELLUL (K.I. 295469M)**
**SIMON GRIMA (K.I. 483466M)**
**EDWARD GRIMA BALDACCHINO (K.I. 384167M)**
**VANESSA FRAZIER (K.I. 322369M)**
**GORDON GRIMA BALDACCHINO (K.I. 322269M)**

*vs*

**GIOVANNA FARRUGIA (K.I. 697329M)**

**Illum, 4 ta' Novembru, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agostina *sive* Ina Cini, Gemma Brownrigg, Carmelo *sive* Charles Grima, Angelo Grima, Alessandra Spiteri, Angela *sive* Gillian Gauci Borda, Carmelina Borg, Mary Anne *sive* Miriam Vella, Claude Grima, Anjelica Ellul, Simon Grima, Edward Grima Baldacchino, Vanessa Frazier u Gordon Grima Baldacchino datat id-9 ta' Novembru 2021, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimata u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skont ir-risultanzi tat-test tal-mezzi u ċioè, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond suriferit fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimata tħallas il-kumpens hekk likwidat; JEW

III. Jekk jiġu sodisfatti il-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimata hekk kif dikjarat;

> Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tigi preżentata.

Ra id-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur;

Ra r-risposta tal-intimata Giovanna Farrugia, datata il-21 ta' Marzu, 2022 fejn sommarjament, eċċepiet li (i) preliminarjament ir-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom fuq il-fond in kwistjoni; (ii) l-esponenti tikkonferma illi hija l-inkwilina tal-fond bin-numru 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta taħt titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilha mil-liġi; (iii) illi l-kera hija fl-ammont kif stabbilit mil-liġi; (iv) illi hija tissodisfa it-test tal-mezzi u għalhekk hija għandha tgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi il-liġi; (v) illi ma jeżistux l-elementi u r-rekwiżiti neċessarji sabiex tiġi milqugħa it-tieni talba tar-rikorrenti u għalhekk it-talba għal żgumbrament għandha tiġi miċħuda; (vi) illi dan il-Bord għandu jieħu in konsiderazzjoni d-dħul limitat tal-esponenti; (vii) illi f'kull każ l-esponenti m'għandhiex tbati spejjeż in konessjoni ma' dawn il-proċeduri, in kwantu li ma tistax tiġi kkastigata talli ottemprat ruħha mal-liġi.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata l-21 ta' Jannar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti jeħtieġilhom jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern, (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) il-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-23 ta' Novembru, 2021, l-intimata wettqet t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Anthony Robinson u l-Perit Leonard Zammit ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra n-noti rispettivi tal-partijiet rigwardanti żieda fil-kondizzjonijiet tal-kera fis-sens li l-intimata tkun obbligata tissottosrkrivi għal polza tal-assigurazzjoni tat-tip *public liability* u *home policy*;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond id-dikjarazzjoni redatta min-Nutar Miriam Musumeci Macelli fit-23 ta' Settembru 2021[1], jirriżulta li l-fond numru 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta jappartjeni lir-rikorrenti f'ishma differenti kif indikati mill-istess dikkjarazzjoni. Jirriżulta li oriġinarjament il-fond kien ġie akkwistat minn Angelo Grima bħala mezzanin, flimkien ma' mezzanin ieħor, bin-numri 94 u 96, mingħand terzi persuni permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza tal-15 ta' Lulju 1943. Illum, Angelo Grima ġie nieqes u b'hekk dan il-fond intiret mill-werrieta tiegħu biex b'hekk ir-rikorrenti huma kollha kompropjetarji tal-fond *de quo*.

lli minn dan l-imsemmi dokument, jirriżulta wkoll li fil-fond numru 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta hemm reġistrati bħala residenta Giovanna Farrugia.

Illi di più, fir-rikors promotur ir-rikorrenti jiddikkjaraw illi dan il-fond ilu mikri għand l-intimata Giovanna Farrugia għal żmien twil b'kirja ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u dan versu l-kera ta' €211.50ċ fis-sena.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond bin-numru 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

Ikkonsidra;

Illi b'żieda mad-dikjarazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti kif sopra msemmija, l-intimata tistqarr illi hija tgħix fil-fond *de quo*, u ilha tirrisjedi fih għal snin twal u dan b'titolu ta' kera. Tali dikjarazzjoni, fil-fehma tal-Bord tammonta għall-konferma illi l-intimata hija tassew l-inkwilina tal-fond *de quo*.

---

[1] Dok "A" a fol 3 tal-atti proċesswali.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet ma ġewx ikkontestati, anzi kkonfermati reċiprikoment minnhom stess, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Giovanna Farrugia hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Giovanna Farrugia ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata Giovanna Farrugia, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Giovanna Farrugia ma teċċediex il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'abitazzjoni li jifforma parti minn binja ferm akbar u jikkonsisti biss f'kamra waħda fil-kantina, kamra waħda fil-livell terran tat-triq, u kamra oħra f'livell intermedju bejn dak terran u l-ewwel sular ta' terzi. Il-fond għandu arja superfiċjali ta' circa 21 metru kwadru kull sular. Il-fond huwa sottopost għal fondijiet residenzjali ta' terzi. Il-finituri tal-fond jinsabu fi stat ta' degrad filwqt li l-impjanti ta' l-elettriku, ilma u drenaġġ jinstabu fi stat funzjonabbli iżda fil-bżonn ta' titjib.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-abitazzjoni, id-daqs tal-fond, kif ukoll l-istat ta' manutenzjoni u finituri, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021, fl-ammont ta' mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[2]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

---

[2] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' erbat elef u sitt mitt ewro (€4,600) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi permezz ta' nota ppreżentata fid-29 ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti esprimew il-biżà tagħhom li jinqala' xi inċident fil-fond *de quo* u, b'referenza għat-tielet talba tagħhom, indikaw li jkun għaqli li l-Bord, bħala parti mill-kondizzjonijiet ġodda, jordna lill-inkwilina sabiex tissottoskrivi għal polza tal-assikurazzjoni tat-tip *public liability* u *home policy*;

Illi permezz tar-risposta tagħha tas-06 ta' April 2022, l-Awtorità intervenuta ssottomettiet illi għalkemm f'kirjiet kummerċjali ġeneralment l-inkwilin ikun mgħobbi bir-responsabilità li jissottoskrivi għal polza simili, f'kirjiet residenzjali il-prassi ġenerali hi li s-sidien tal-fond jissottoskrivu għal dawn it-tip ta' poloz. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità m'għandhiex tkun mistennija terfa' l-piż tal-ispiża ta' tali polza;

Illi permezz tar-risposta tagħha tal-4 ta' April 2022, l-intimata sottomettiet illi ma hemm l-ebda obbligu legali li jinkombi fuq l-inkwilina sabiex tagħmel xi polza ta' assikurazzjoni, u tali obligu jekk xejn, jinkombi fuq is-sid.

Illi min-nota tagħhom jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq is-sottomissjoni li ftit tas-snin ilu, propjetà tagħhom mikrija b'kirja antika ħadet in-nar u seħħet ħsara kbira kemm fid-dar mikrija kif

ukoll f'dik tal-ġirien. Ir-rikorrenti ma jagħtu ebda informazzjoni oħra dwar il-kawża tal-allegati nirien jew dettalji oħra relevanti, u għalkemm m'hux kompitu ta' dan il-Bord li jissindika tali inċident, min-naħa l-oħra l-Bord huwa għal kollox sajjem miċ-ċirkostanzi wara l-imsemmi inċident.

Illi l-Bord, għalkemm min-naħa l-waħda japprezza l-biżgħat tar-rikorrenti, dawn il-biżgħat m'humiex esklussivi għalihom, iżda huma biżgħat li kull min hu sid ta' propjetà jista' jkollu. Il-propjetà *de quo* ilha mikrija lill-intimati odjerni għal għexieren ta' snin u ma seħħ ebda *event* li jista' jawmenta l-biżà reali ta' inċident bħal dak allegat.

Illi di più, din il-materja hi regolata bl-Artikoli 1540 u 1556 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikoli jistipolaw l-obbligi ta' sid il-kera u tal-inkwilin versu ż-żamma u t-tiswijiet ta' fond urban.

Għalhekk, il-Bord, f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jqisx li għandu jimponi fuq l-intimata il-kondizzjoni li tissottoskrivi għal polza tal-assikurazzjoni tat-tip *public liability* u *home policy*.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt il-proċeduri.

2. Jiċħad it-tieni talba stante li l-intimata tissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikkjara illi l-kera tal-fond bin-numru 96, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, għandha tiġi riveduta

għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Giovanna Farrugia għal-ammont ta' erbat elef u sitt mitt ewro (€4,600) fis-sena u jordna lill-istess intimata Giovanna Farrugia sabiex tħallas lir-rikorrenti *in solidum*, il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorita intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**